Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Skużat | Is-Sur. John Schembri (Sindku) |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Post Mortem Jum Ħal Luqa
6. Summer Camp
7. Ħarġa għall Għawdex
8. Restawr taċ-Ċimiterju
9. Affarijiet Oħra
10. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
11. Aġġornament

Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera li llum is-Sindku jinsab waqt laqgħa importanti tal-GAL Xlokk peress li huwa membru tad-decision committee fl-istess fejn kellhom jkunu diskussi xi fondi u għalhekk il-Viċi Sindku se jkun qed jiprresjedi l-laqgħa.

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti ġew approvati.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier Falzon qal li dakinhar ta Jum Ħal Luqa il-ground ta San Vinċenż ma kienc qed jintuża minħabba raġunijiet marbuta mal-Elezzjoni fejn kienet qed issir f' San Vinċenż dakinhar li kellha issir l-attivita ġol-Iskola. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa ma setax jagħti sehem billi huwa kien assistant commissioner dakinhar.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-U-Bar ta fejn l-OK Bar. Is-Segretarju qal li s-Sindku kien qed jikkordina fuq din ma tal-bankini.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Il-Viċi Sindku qara email li kienet waslet fuq laqgħa li kienet se ssir għal Kunsilliera. Huwa ħeġġiġhom sabiex jattendiu għal din il-laqgħa.

3.2 Il-Viċi Sindku tkellem fuq premju Frans Sammut relatatt ma inizjattivi b' risq il-lingwa Maltija. Huwa issuġġerrixxa biex inkellmu l-Iskola Primarja biex ikun hemm xi nies proposti għal dan il-premju.

3.3 Il-Viċi Sinku qara email fuq persuna li hija tutor taz-Zumba sabiex isiru xi courses. Huwa saqsa l-Kunsilliera Massa kif kienu marru meta darba kienu saru dawn il-courses. Hija qallet li l-attendenza kienet naqset matulhom.

3.4 Il-Viċi Sindku għadda wkoll tlett emails li kellhom x' jaqsmu mal-organiżżazzjoni ta ħarġiet kulturali. Waħda hija stedina għad dar li kienet tgħix fiha Karmni Grima, stedina oħra għall mitħna tax-Xarolla, u kien hemm stedina għall Malta Falconry Centre.

3.5 Il-Viċi Sindku ressaq stedina fuq seminar li se jsir dwar l-abbuż tal-anzjani. Kien hemm ukoll email oħra relatatta ma kampanja favur trobbija pożittiva tal-ulied. Il-Viċi Sindku ressaq ukoll email oħra fuq seminar li se jkun organiżżat marbut mat-turiżmu.

3.6 Il-Viċi Sindku ressaq email oħra li waslet mill-ETC fejn kien hemm lista ta courses li qed ikunu organiżżati u jistgħu jkunu t' interess għalina.

3.7 Il-Viċi Sindku ressaq email fejn il-Kunsilli kienu qed ikunu mitluba sabiex jipparteċipaw waqt il-festa tal-Imnarja, billi jintrama stand fuq il-lokalita partikulari.

3.8 Il-Viċi Sindku ressaq email ta stedina minn We Care Services sabiex jagħtu talk fuq is-servizzi li joffru lill-Anzjani.

3.9 Il-Viċi Sindku ressaq stedina li waslet mingħand Greenpak sabiex nattendu għaċ ċelebrazzjoni tal-premjijiet lill-lokalitajiet.

3.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta se jkunu qed isir l-bollards u l-bankijiet fil-Pjazza billi dawn kienu ilhom imsemmija għal diversi drabi.

3.11 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-Bandli, billi dawn kienu imsemmija xhur ilu. Is-Segretarju qal li s-Sindku kellu laqgħa fejn huwa kien talab sabiex jingħata fondi biex isir dan il-proġett. Huwa qal li l-Perita kienet infurmat lill-Kunsill li kellha tapplika għal permess sabiex isir dan ix-xogħol.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet se jerġa jsir it-tournament ta Puttinu Cares. Huwa ppropona li jkun hemm team li jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa. Il-Kunsill Lokali qabel.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-bozza li kien hemm talba fuqha minn ċertu Andrew Bartolo. Huwa qal li s-Segretarju ta l-Onor. Roderick Galdes kien qallu biex ikellem il-Kunsill fuqha. Is-Segretarju qal li fuq din it-triq partikolari kien hemm diġa diversi talbiet li saru minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Camilleri talab lis-Segretarju sabiex jlestilu l-aktar talba riċenti. Il-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel infrastruttura tad-dawl peress li din trid issir mill-Enemalta, imbagħad wara l-Kunsill Lokali iwaħħal il-lampa. Ir-responsabilta tal-Kunsill hija mid-demarcation box sal-lampa.

## 4.0 TENDERS

4.1 IL-Viċi Sindku qal li t-tenders li huma marbutin max-xogħol tal-embellishment fejn il-Kunsill kien applika għall fondi tal-GAL Xlokk qegħdin bħalissa għand il-Perit sabiex huwa jkun jista jħejji rapport fuq l-offerti..

4.2 Il-Viċi Sindku qal ukoll li fuq l-offerta l-oħra marbuta mal-istess proġett imma fuq il-partit tad-dawl kien hemm offerta waħda biss li kienet mingħand Nexos Lighting, allura din kellha tintgħażel awtomatikament. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu unanimament ma din l-offerta.

## 5.0 POST MORTEM, JUM ĦAL LUQA

5.1 Il-Viċi Sindku qal li l-program ta din is-sena għall Jum Ħal Luqa kien tajjeb anki fir-rigward tas-serata li saret is-Sibt filgħaxija. Huwa qal li kien hemm naqa problema peress li s-serata kienet twila wisq. Il-Viċi Sindku qal li anki fejn kien hemm performances tat-tfal dawn setgħu kienu iqsar. Huwa qal li din setgħet kienet iqsar anki biex in-nies ikollhom aktar ċans biex jieħdu drink.

5.2 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm xi tgergir minn residenti fuq l-istorbju li kien ikkawżatt mill-go carts dakinhar tal-Ħadd. Huwa qal li għas sena d-dieħla għandu jkun ikkunsidratt mill-Kunsill jekk dawn għandhomx jerġgħu jipparteċipaw.

## 6.0 SUMMER CAMP

6.1 Il-Viċi Sindku qal li kien hemm talba minn naħa tas-St. Andrew's FC biex isir is-Summer Camp u jekk hu possibli l-Kunsill jagħti xi forma ta koperazzjoni biex isir dan il-Camp b' risq it-tfal ta' Ħal Luqa.

6.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li dan sar diġa snin qabel u għalhekk il-Kunsill jista jorganiżża din l-inizjattiva flimkien mal-Luqa St. Andrew's FC. Il-Kunsilliera qablu ma din l-inizjattiva.

## 7.0 ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX

7.1 Il-Viċi Sindku qal li din is-sena l-ħarġa għall Għawdex se ssir fl-10 ta' Lulju. Din se ssir għar Rabat, Ta Pinu, u x-Xlendi kif kienet issir is-soltu.

## 8.0 RESTAWR TAĊ-ĊIMITERJU

8.1 Il-Viċi Sindku semma li r-restawr fuq il-faċċata taċ-Ċimiterju ta' San Tumas se jinbeda dan ix-xahar. Huwa qal li se jkun hemm tibdil ta' xi ġebel u tindif ieħor biex dan iċ-ċimiterju jerġa jingħata dehra tajba.

8.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fejn kien it-tender ta dan ix-xogħol u ssuġġerrixxa wkoll biex jerġgħu isiru l-istatwi li kien hemm qabel. Huwa saqsa wkoll jekk kien hemm it-tender jekk dawn l-istatwi kinux parti minnu.

8.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-Kurja tinsabx infurmata fuq dan ix-xogħol li kellu jsir. Huwa saqsa sakemm kien hemm żmien sabiex dan ix-xogħol jitlesta.

8.4 Is-Segretarju wieġeb li kien hemm applikazzjoni mill-MEPA u hemm permess biex isir dan ix-xogħol. Huwa qal li kien informa lill-Kappillan fuq dan ix-xogħol. Huwa qal li hemm żmien sal-aħħar ta Ġunju fejn il-Kunsill juista jitlob rimbors ta dan ix-xogħol lid-Dipartiment.

8.5 Il-Kunsillier Caruana qal li billi ma kienx hemm biżejjed żmien sakemm jista jintalab ir-rimbors allura ma kienx se jkun hemm xogħol ta kwalita tajba. Huwa qal sabiex il-Kunsill jerġa jiltaqa mal-kuntrattur li se jkun qed jagħmel ix-xogħol minn qabel ma dan jinbeda.

8.6 Is-Segretarju qal li fuq l-istatwi huwa se jitlob biex ikun hemm żieda mal-ammont li kien hemm committed lill-Kunsill.

8.7 Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jitwaqqaf ix-xogħol qabel ma dan jinbeda sabiex ikunu jistgħu jiddaħħlu l-istatwi. Is-Segretarju qal li l-istatwi huma mitluba bil-permess u għalhekk jekk dawn ma jsirux issa, jridu jsiru aktar il-quddiem.

## 9.0 AFFARIJIET OĦRA

9.1 Ma kien hemm l-ebda materja diskussa taħt dan l-item.

**10.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

10.1 Il-Kunsillier Caruana kien kontra l-pagament li kellu jitħallas fuq is-Salib taċ-ċimiterju billi huwa qal li dan kien vera għoli. Is-Segretarju qal li dan il-pagament diġa kien hemm l-Insurance li kienet wiegħdet li se tħallas għal dawn id-danni.

10.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-pagament li kellu jitħallas lill-World Plastering kien għoli fuq il-kisi tad-Daycentre. Huwa talab rendikont ta x' kien intefaq fuq dan il-kaz s' issa.

10.3 Il-Kunsilliera prezenti ma qablux fuq l-iskeda tal-pagamenti u l-Viċi Sindku issuġġerrixxa sabiex terġa issir laqgħa malajr sabiex jingħataw l-ispjegazzjonijiet għal dawn il-pagamenti.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2014 fis-7.15 pm. Kien hemm data tat-Tnejn tal-ġimgħa ta wara proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |